**14 ta' Marzu, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Charles Bartolo

**Traffiku — Sewqan Negliġenti — Sewqan Perikoluż — Negliġenza — Żball ta' Ġudizzju.**

*Id-differenza bejn sewqan perikoluż u sewqan negliġenti hi waħda ta' "degree" aktar minn ħaġ'oħra; u għalhekk fil-ġurisprudenza, anki ngliża, ma ġietx tentata definizzjoni "ad hoc" ta' x'inhu sewqan perikoluż.*

*Jekk il-provi juru illi kien hemm da parti tad-driver żball ta'*

*ġudizzju ("error of judgment"), il-każ huwa pjuttost dak ta' sewqan negliġenti; għax żball ta' ġudizzju li driver raġjonevolment prudenti ma hux mistenni li jagħmel huwa negliġenza.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli fil-11 ta' Diċembru 1958, f'xi t-8.30 a.m., saq car 22420 minn Marina Street, Pietà, b'ġiri aktar milli jmissu u b'manjiera perikoluża, u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet is-sospensjoni tal-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Jannar 1959, li biha ġie misjub ħati, u kundannat £5 multa u s-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan għal tliet xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġj revokota, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Jirriżulta mill-provi, mhix eskluża x-xhieda tal-istess appellant, li ta depożizzjoni franka u konvinċenti, li dan kien isuq il-car sejjer minn tas-Sliema għall-Belt, u li, x'ħin kien għaddej mill-Pjetà wara traffiku ieħor, fosthom motor-cycle, issorpassa dan il-motor-cycle u għadda nkaxxat magħha żżejjed;

Il-pont hu jekk fiċ-ċirkustanzi tal-każ, dan kienx jammonta għal "dangerous driving". Id-differenza bejn "dangerous driving" u "negligent driving" hi waħda ta' "degree" "più che altro"; u għalhekk fil-ġurisprudenza, anki ngliża, ma ġietx tentata definizzjoni "ad hoc" ta' x'inhu "dangerous driving". Din il-Qorti, f'dan il-każ, wara li vvaljat il-provi, tinklina li tirritjeni, u fil-fatt tirritjeni, li si trattava mhux ta' "dangerous driving", imma aktarx ta' "error of judgment", li del resto ammettieh l-istess imputat fix-xhieda tiegħu. Issa, ġie sewwa ritenut fil-kawża Simp-

son v. Peat (1952) All Eng. Law. Rep. p. 447 — Crim. Law Review, Dec. 1958 — illi "It is negligence to make an error of judgment that a reasonably prudent driver would not make";

Il-Qorti taħseb li dan l-"error of judgment" kien tali;

Jirriżulta wkoll li l-imputat kien qiegħed isuq bi speed eċċessiv;

Għalhekk, tiddeċidi billi tilqa' l-appell fis-sens li tiddikjara lill-imputat mhux ħati ta' sewqan perikoluż, iżda biss ta' sewqan negliġenti għat-termini tal-art. 14 Kap. 105, u ta' sewqan bi speed eċċessiv (reg. 102); u għalhekk tneħħi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti; liema piena għandha tkun minflok, dik tal-multa ta' £5 u sospensjoni tal-liċenza għal żmien tliet ijiem minn nhar it-Tnejn, 16 ta' Marzu 1959.